MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 636/2002/1

**The Computer Training Course Ltd**

**Vs**

**Charles Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u sebgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm137.50), flus li l-konvenut naqas milli jirrifondi lis-socjeta attrici meta ma baqax jahdem maghha.

Ra r-risposta tal-konvenut (fol. 9) li permezz taghha ddikjara li:

1. L-ebda ammont m'huwa dovut u anzi hemm bilanc favur tieghu;

2. Jekk is-socjeta attrici qeghda taghmel riferenza ghal xi nuqqas fl-istokk, il-konvenut m'huwiex responsabbli ghal tali nuqqas.

Il-konvenut ressaq ukoll kontro-talba li permezz taghha talab il-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm245.32), gimgha paga, erbat ijiem vacation leave, bonus ta' Awwissu 2001 u kummissjoni.

Ra x-xhieda li ressqu l-kontendenti.

Ra l-atti tal-kawza, inkluza n-nota li permezz taghha s-socjeta attrici tat ruhha notifikata bit-talba rikonvenzjonali.

Ikkunsidra:

1. Il-konvenut kien impjegat bhala salesperson fil-hanut li s-socjeta attrici ghandha f'Rahal Gdid. Il-pretenzjoni tas-socjeta attrici hija bazata fuq flus li nstabu neqsin mill-*cash register* ta' dan il-hanut.

2. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien il-persuna responsabbli mill-*cash register* fil-hanut ta' Rahal Gdid. Irrizulta li fit-8 ta' Awissu 2001 kien beda s-shutdown, u l-ghada wiehed mill-ufficjali tal-kumpannija nzerta mar fil-hanut ta' Rahal Gdid u sab li l-*cash register* kien fih il-flus. Dan meta, *"il-ftehim li ghandna hu li meta jkun hemm certu ammont ta' cash, l-impjegat ghandu jtellghu il-Head Office taghna gewwa n-Naxxar u jghaddih lill-Accountant, sabiex il-flus jigu depozitati"* (fol. 19).

3. Min-naha tieghu l-konvenut ikkonferma li meta sar l-ezercizzju ta' *reconciliation* irrizulta li kien hemm is-somma ta' wiehed u disghajn lira Maltija (Lm91) flus neqsin. Bhala l-persuna responsabbli ghal dawn il-flus kien l-obbligu tieghu li jimxi skond l-istruzzjonijiet li kelluu mis-superjuri tieghu, fis-sens li ma jhalliex flus jigru fil-*cash register*. Dan apparti l-fatt li l-oneru tal-prova jinkombi fuqu li f'dak li ghamel agixxa bhala *bonus pater familias* u li ma kienx responsabbli li naqqsu xi flus mill-*cash register*. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li xi

hadd mess jew seta' mess xi flus li kien hemm fil-*cash register* ghad-detriment tieghu. Il-konvenut gharaf ukoll il-firma tieghu fuq id-dokument a fol. 15 tal-process fejn jissemma l-bilanc ta' flus neqsin. L-iskuzanti li pprova jaghti l-konvenut ghalfejn kien iffirma dan id-dokument ma tikkonvincix lit-Tribunal.

4. B'riferenza ghac-cifra ta' Lm271.17 li skond is-socjeta attrici kienu flus li ngabru mill-konvenut minghand klijenti taghha u li baqghu mizmuma ghandu, it-Tribunal jiddikjara li ma tressqux provi sodisfacenti li jissostanzjaw din l-allegazzjoni. Huwa veru li f'dawn it-tip ta' proceduri t-Tribunal m'huwiex marbut bil-principju ta' l-ahjar prova. Madankollu s-socjeta attrici setghet facilment tressaq bhala xhieda lil dawn in-nies li suppost taw xi flus lill-konvenut li baqa' ma tahomx lis-socjeta attrici, iktar u iktar meta l-konvenut kien qieghed jikkontesta li qatt ircieva dan il-hlas. Wara kollox it-Tribunal irid jiddecidi fuq il-provi li jitressqu quddiemu u ma jistax jibbaza d-decizjoni tieghu billi jissoponi affarijiet li ma jkunux gew sodisfacentement ippruvati. Fir-rigward ta' dan l-ammont il-konvenut ma ffirma l-ebda dokument kif ghamel ghall-ammont l-iehor u li bih seta' assuma xi forma ta' responsabbilta. Lanqas ma tressqa xi dokumenti bhala prova li dawn il-persuni kienu ghamlu l-pagament. M'huwiex verosimili li min ihallas depozitu ta' mitt lira Maltija (Lm100) bhala depozitu ma jitlobx u ma jinghatax ricevuta tal-hlas li jkun ghamel. Dan qieghed jinghad b'riferenza ghal hlas li allegatament sar minn certu Mark Anthony Attard fl-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) bhala depozitu.

5. Fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali, is-socjeta attrici ddikjarat li l-hlas dovut lill-konvenut kien fl-ammont ta' mija u sitt liri Maltin (Lm106), liema ammont ma thallasx ghaliex kif xehed Raymond Abela kienu jippretendu li l-ammont dovut mill-konvenut kien ferm iktar. Ghalhekk, skond dan ix-xhud, is-socjeta attrici kienet naqset din is-somma mill-ammont dovut mill-konvenut li kien ta' mitejn u sitt u hamsin lira Maltija (Lm256). Mid-dokument li gie pprezentat mis-socjeta attrici (fol. 13) jirrizulta li l-hlas dovut lill-konvenut kien ta:

Lm74.37…………….salarju
Lm77.63…………….leave entitlement
Lm14.49…………….Bonus
**Lm166.49……………TOTAL.**

Minn dan id-dokument jirrizulta wkoll li minn din ic-cifra tnaqqset is-somma ta’ sittin lira Maltija (Lm60), *“inflicted on his account for my staff to reconcile his accounts and draw up the differences that he has left”*. Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta attrici ma kellha l-ebda dritt li minn jeddha taghmel dan it-tip ta’ tnaqqis minn salarju ta’ impjegat taghha. Il-konvenut qieghed ukoll jippretendi l-hlas ta’ kummissjoni fuq bejgh ta’ kompjuters fl-ammont ta’ tlieta u sebghin lira Maltija (Lm73). Is-socjeta attrici ma ressqet l-ebda kontestazzjoni jew prova kuntrarja ghal din il-pretenzjoni. Anzi Christopher Micallef, wiehed mill-ufficjali tas-socjeta attrici xehed: *“jiena naf illi l-konvenut ghad fadallu jiehu xi haga tal-commission”* (fol. 31). Ghalhekk fic-cirkostanzi jirrizulta li l-hlas dovut lill-konvenut kien ta’ mitejn u disgha u tletin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm239.49) u minn liema somma ghandu jitnaqqas l-ammont ta’ wiehed u disghajn lira Maltija (Lm91) hlas dovut mill-konvenut. B’hekk is-socjeta attrici hija debitrici tal-konvenut fl-ammont ta’ mija u tmienja u erbghin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm148.49).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lis-socjeta attrici thallas lill-konvenut is-somma ta’ mija u tmienja u erbghin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm148.49) kif fuq spjegat, filwaqt li jikkonferma li l-ebda hlas m’huwa dovut mill-konvenut.

L-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------